Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,285, 16 ta'Lulju, 2024

Taqsima B

A.L. 163 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandu jkollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin:

(a) grad ta' Master normalment fl-istess qasam ta' studji li applikaw għalih; jew

(b) il-grad ta' Baċċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima ta' Fuq) bi preparazzjoni b'saħħitha fil-qasam ta' studju relatat mal qasam ta' riċerka propost.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

4. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt l-ewwel parti tal-istudji tagħhom, u/jew li jwettqu b'suċċess xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat magħmul kif ġej:

Id-Dekan tal-Fakultà jew delegat (President)
3 – 4 Kapijiet ta' Dipartiment

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

6. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

7. L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippublikati bħala Avviż Legali 383 tal-2013, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.